

22006D0075

L 245/46

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

7.9.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 75/2006**tat-2 ta' Ġunju 2006****li temenda l-Protokoll 47 għall-Ftehim taż-ŻEE
dwar l-abolizzjoni ta' ostakoli tekniċi għall-kummerċ ta' l-inbid**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Protokoll 47 għall-Ftehim għe emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 85/2000 tat-2 ta' Ottubru 2000¹.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ŻEE Nru 1/95 introduċiet is-sistema ta' kummerċjabbiltà parallela għal Liechtenstein.
- (3) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid², kif ikkoregħut fil-ĠU L 271, 21.10.1999, p. 47, għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1607/2000 ta' l-24 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid, b' mod partikolari t-Titolu relatat ma' l-inbid ta' kwalità prodott f'reġjuni speċifikati³ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1622/2000 ta' l-24 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid u li jistabbilixxi kodiċi tal-Komunità ta' prattiċi u proċessi enoloġiċi⁴ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2451/2000 tas-7 ta' Novembru 2000 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1622/2000 li jipprovdi ċerti regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid u li jistabbilixxi kodiċi tal-Komunità dwar prattika u proċessi enoloġiċi, f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-Anness XIV⁵ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

¹ ĠU L 315, 14.12.2000, p. 32.

² ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1.

³ ĠU L 185, 25.7.2000, p. 17.

⁴ ĠU L 194, 31.7.2000, p. 1.

⁵ ĠU L 282, 8.11.2000, p. 7.

- (7) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 884/2001 ta' l-24 ta' April 2001 li jistabbilixxi regoli dettaljati ta' l-applikazzjoni li jikkonċerna d-dokumenti li jakkumpanjaw il-ġarr ta' prodotti ta' l-inbid u r-rekords li għandhom ikunu miżmuma fis-settur ta' l-inbid¹ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (8) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1609/2001 tas-6 ta' Awissu 2001 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1622/2000 li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati biex jiġi implimentat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid u li jistabbilixxi kodiċi ta' prattika enoloġika komuni tal-Komunità dwar metodi ta' analiżi² għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (9) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1655/2001 ta' l-14 ta' Awissu 2001 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1622/2000 li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati biex ikun implimentat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid u li jistabbilixxi kodiċi ta' prattika u proċessi enoloġiċi tal-Komunità³ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (10) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2066/2001 tat-22 ta' Ottubru 2001 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1622/2000 dwar l-użu tal-*lysozyme* fi prodotti ta' l-inbid⁴ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (11) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 753/2002 tad-29 ta' April 2002 li jistabbilixxi ċerti regoli sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 rigward id-deskrizzjoni, id-denominazzjoni ta' l-oriġini, il-preżentazzjoni u l-protezzjoni ta' ċerti prodotti fis-settur ta' l-inbid⁵, kif ikkoreġut fil-ĠU L 272, 23.10.2003, p. 38, għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

¹ ĠU L 128, 10.5.2001, p. 32.

² ĠU L 212, 7.8.2001, p. 9.

³ ĠU L 220, 15.8.2001, p. 17.

⁴ ĠU L 278, 23.10.2001, p. 9.

⁵ ĠU L 118, 4.5.2002, p. 1.

- (12) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2086/2002 tal-25 ta' Novembru 2002 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 753/2002 li jistabbilixxi ċerti regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 f'dak li għandu x'jaqsam mad-deskrizzjoni, l-għażla, il-preżentazzjoni u l-protezzjoni ta' ċerti prodotti fis-settur ta' l-inbid¹ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (13) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 440/2003 ta' l-10 ta' Marzu 2003 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2676/90 li jiddetermina l-metodi tal-Komunità għall-analiżi ta' l-inbejjed² għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (14) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1205/2003 ta' l-4 ta' Lulju 2003 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 753/2002 li jistabbilixxi ċerti regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 fir-rigward tad-deskrizzjoni, tismija, preżentazzjoni u l-protezzjoni ta' ċertu prodotti tas-settur ta' l-għeneb³ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (15) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1410/2003 tas-7 ta' Awissu 2003 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1622/2000 li jistabbilixxi ċertu regoli dettaljati li jimplimentaw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-inbid u li jistabbilixxi kodiċi tal-Komunità fuq il-prattika u l-proċessi enoloġiċi⁴ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (16) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1793/2003 tat-13 ta' Ottubru 2003 li jiffissa l-qawwa alkoħolika naturali minima bil-volum ta' l-inbejjed ta' kwalità "Vinho verde" psr li joriġinaw miż-żoni Portugiżi ta' l-ikkultivar ta' l-għeneb għall-inbid Ċ I a) għas-snin ta' l-inbid 2003/2004 u 2004/2005⁵ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

¹ ĠU L 321, 26.11.2002, p. 8.

² ĠU L 66, 11.3.2003, p. 15.

³ ĠU L 168, 5.7.2003, p. 13.

⁴ ĠU L 201, 8.8.2003, p. 9.

⁵ ĠU L 262, 14.10.2003, p. 10.

- (17) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1795/2003 tat-13 ta' Ottubru 2003 li jemenda l-Anness VI tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 fejn jidħlu nbejjed ta' kwalità f'regżuni speċifikati¹ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (18) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 128/2004 tat-23 Jannar ta' 2004 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2676/90 li jistabbilixxi l-metodi Komunitarji għall-analiżi ta' l-inbejjed² għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (19) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 316/2004 ta' l-20 Frar 2004 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 753/2002 li jistabbilixxi ċerti regoli sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 dwar id-deskrizzjoni, id-denominazzjoni, il-preżentazzjoni u l-protezzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur ta' l-inbid³ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (20) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 908/2004 tad-29 April ta' 2004 li jadatta diversi regolamenti li jikkonċernaw l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-inbid minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja ma' l-Unjoni Ewropea⁴ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (21) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1427/2004 tad-9 ta' Awissu 2004 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1622/2000 li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati biex jiġi implimentat ir-Regolament (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid u li jistabbilixxi kodiċi tal-Komunità ta' prattiċi u proċessi enoloġiċi⁵ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

¹ ĠU L 262, 14.10.2003, p. 13.

² ĠU L 19, 27.1.2004, p. 3.

³ ĠU L 55, 24.2.2004, p. 16.

⁴ ĠU L 163, 30.4.2004, p. 56.

⁵ ĠU L 263, 10.8.2004, p. 3.

- (22) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1428/2004 tad-9 ta' Awissu 2004 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1622/2000 li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati biex jiġi implimentat ir-Regolament (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid u li jistabbilixxi kodiċi tal-Komunità ta' prattiċi u proċessi enoloġiċi ¹ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (23) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1429/2004 tad-9 ta' Awissu 2004 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 753/2002 li jistabbilixxi ċerti regoli biex jiġi implimentat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 fir-rigward tad-deskrizzjoni, id-denominazzjoni, il-preżentazzjoni u l-protezzjoni ta' ċerti prodotti fis-settur ta' l-inbid² għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (24) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1991/2004 tad-19 ta' Novembru 2004 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 753/2002 li jistabbilixxi ċerti regoli biex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 fir-rigward tad-deskrizzjoni, id-denominazzjoni, il-preżentazzjoni u l-protezzjoni ta' ċerti prodotti fis-settur ta' l-inbid³ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (25) Ir-Regolament (KEE) Nru 2676/90⁴, li hu diġà inkorporat fil-Ftehim, jeħtieġ li jiġi spostat f'punt separat fl-Appendiċi 1 tal-Protokoll 47 tal-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

¹ ĠU L 263, 10.8.2004, p. 7.

² ĠU L 263, 10.8.2004, p. 11.

³ ĠU L 344, 20.11.2004, p. 9.

⁴ ĠU L 272, 3.10.1990, p. 1.

Artikolu 1

Il-Protokoll 47 għall-Ftehim għandu jiġi emendat kif speċifikat fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nru. 1493/1999, kif ġie korrett fil-ĠU L 271, 21.10.1999, p. 47, 1607/2000, 1622/2000, 2451/2000, 884/2001, 1609/2001, 1655/2001, 2066/2001, 753/2002, kif ikkoreġuti fil-ĠU L 272, 23.10.2003, p. 38, 2086/2002, 440/2003, 1205/2003, 1410/2003, 1793/2003, 1795/2003, 128/2004, 316/2004, 908/2004, 1427/2004, 1428/2004, 1429/2004 u 1991/2004 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-3 ta' Ġunju 2006, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*.

* L-ebda rekwiżit kostituzzjonali ma hu indikat.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima ŻEE fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 2 ta' Ġunju 2006.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE

Il-President

R. WRIGHT

ANNEX

għad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ŻEE Nru 75/2006

L-Appendiċi 1 għall-Protokoll 47 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"APPENDIĊI 1

1. **390 R 2676:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2676/90 tas-17 ta' Settembru 1990 li jistabbilixxi metodi Komunitarji għall-analiżi ta' l-inbid (ĠU L 272, 3.10.1990, p. 1), kif emendat bi:
 - **392 R 2645:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2645/92 tal-11 ta' Settembru 1992 (ĠU L 266, 12.9.1992, p. 10),
 - **395 R 0060:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 60/95 tas-16 ta' Jannar 1995 (ĠU L 11, 17.1.1995, p. 19),
 - **396 R 0069:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 69/96 tat-18 ta' Jannar 1996 (ĠU L 14, 19.1.1996, p. 13),
 - **397 R 0822:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 822/97 tas-6 ta' Mejju 1997 (ĠU L 117, 7.5.1997, p. 10),
 - **399 R 0761:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 761/1999 tat-12 ta' April 1999 (ĠU L 99, 14.4.1999, p. 4),

- **32003 R 0440**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 440/2003 ta' l-10 ta' Marzu 2003 (ĠU L 66, 11.3.2003, p. 15),
- **32004 R 0128**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 128/2004 tat-23 ta' Jannar 2004 (ĠU L 19, 27.1.2004, p. 3).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

Ir-referenzi għal atti oħrajn fir-Regolament għandhom jiġu kkunsidrati rilevanti safejn u fil-forma li daww l-atti huma inkorporati fil-Ftehim.

2. **399 R 1493**: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid (ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1), kif ikkoreġut fil-ĠU L 271, 21.10.1999, p. 47, kif emendat bi:

- **1 03 T**: L-Att dwar il-kondizzjonijiet għall-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika taċ-Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakkja u l-aġġustamenti għat-Trattat li fuqhom hi bbażata l-Unjoni Ewropea adottat fis-16 ta' April 2003 (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33),
- **32003 R 1795**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1795/2003 tat-13 ta' Ottubru 2003 (ĠU L 262, 14.10.2003, p. 13).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-fini ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) Ir-referenzi għal atti oħrajn fir-Regolament għandhom jiġu kkunsidrati rilevanti safejn u fil-forma li dawk l-atti huma inkorporati fil-Ftehim;
- (b) L-Artikolu 1(1) m'għandux japplika;
- (ċ) It-Titolu II, bl-eċċezzjoni ta' l-Artikolu 19, u t-Titoli III, IV u VII m'għandhomx japplikaw;
- (d) L-Artikolu 19(2), l-aħħar sentenza m'għandhiex tapplika għal Liechtenstein.

Barra minn hekk l-aħħar sentenza ta' l-Anness VI punt B 1 m'għandhiex tapplika għal Liechtenstein;

- (e) Fl-Artikolu 44(1) il-kliem: "u fejn xieraq, minkejja l-Artikolu 45, inbejjed importati legalment" m'għandux japplika;
- (f) Fl-Artikolu 44(14) "Kuppaġġ ta' nbid li joriġina minn pajjiż terz " għandha taqra "Kuppaġġ ta' nbid li joriġina minn pajjiż terz jew minn Stat ta' l-EFTA";
- (g) Fl-Artikolu 45(1a) il-kliem: "kemm jekk impurtati u kemm jekk le" m'għandux japplika;

- (h) Il-Kapitolu II tat-Titolu V għandu japplika bl-adattament li ġej:

Permezz ta' deroga mil-leġislazzjoni nazzjonali ta' Liechtenstein, l-inbejjed tal-mejda li joriġinaw minn Liechtenstein, li mhumiex intitolati juru indikazzjoni ġeografika, iridu jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II tat-Titolu V dwar id-deskrizzjoni, id-denominazzjoni, il-preżentazzjoni u l-protezzjoni ta' ċerti prodotti, jekk dawn l-inbejjed tal-mejda jkunu destinati għas-suq ŻEE barra Liechtenstein;

- (i) It-Titolu VI għandu japplika bl-adattamenti li ġejjin:

L-inbejjed ta' kwalità li joriġinaw fl-Istati ta' l-EFTA għandhom jiġu kkunsidrati bħala ekwivalenti għall-inbejjed ta' kwalità prodotti f'reġjuni ("inbejjed ta' kwalità prs"), sakemm ikunu konformi mal-leġislazzjoni nazzjonali li, għall-finijiet ta' dan il-Protokoll, għandhom ikunu skond il-prinċipji tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999, kif emendat għall-fini ta' dan il-Ftehim.

Madankollu, id-deskrizzjoni "inbejjed ta' kwalità prs" kif ukoll deskrizzjonijiet oħrajn imsemmija fl-Artikolu 54(2), ma jistgħux jintużaw għal dawn l-inbejjed.

Il-lista ta' l-inbejjed ta' kwalità stabbilita mill-Istati ta' l-EFTA li jipproduċu l-inbid għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*;

- (j) B'referenza għall-Artikolu 54(4), l-inbejjed li joriġinaw minn Liechtenstein huma rikonoxxuti bħala nbejjed ta' kwalità jekk jissodisfaw il-ħtiġiet kollha għall-hekk imsejħa "inbejjed tal-Kategorija 1" skond il-leġislazzjoni nazzjonali.

L-inbejjed ta' kwalità li joriġinaw minn Liechtenstein huma intitolati li juru waħda minn dawn l-indikazzjonijiet ġeografiċi li ġejjin, emendata jew le bl-isem tal-vinja, li tirreferi għall-orijini ta' l-għeneb kif elenkat fid-"direttorju Vitikoltura u AOC" uffiċjali ta' Liechtenstein:

Balzers, Benden, Eschen, Eschnerberg, Gamprin, Mauren, Ruggell, Schaan, Schellenberg, Triesen, Vaduz.

L-indikazzjoni ġeografika hija akkumpanjata b'waħda mill-espressjonijiet "Kontrollierte Ursprungsbezeichnung", "KUB", "Appellation d'origine contrôlée" jew "AOC" fuq it-tikketta;

- (k) L-Artikoli 71, 77, 78 u 79 m'għandhomx japplikaw;
- (l) Għall-finijiet ta' l-Anness III, Liechtenstein għandu jiġi kkunsidrat li jappartjeni għaż-żona tat-tkabbir tad-dwieli B;
- (m) Minkejja il-punt D.1. ta' l-Anness VI, l-inbejjed li joriġinaw f'Liechtenstein, prodotti skond il-leġislazzjoni nazzjonali u mbaġħad ikklassifikati bħala "inbejjed ta' kategorija 1 mingħajr attribut ta' kwalità addizzjonali", għandhom ikunu rikonoxxuti bħala nbejjed ta' kwalità

3. **32000 R 1607**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1607/2000 ta' l-24 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid, b'mod partikolari t-Titolu relatat ma' l-inbid ta' kwalità prodott f'reġjuni speċifikati (ĠU L 185, 25.7.2000, p. 17).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

Ir-referenzi għal atti oħrajn fir-Regolament għandhom jiġu kkunsidrati rilevanti safejn u fil-forma li daww l-atti huma inkorporati fil-Ftehim.

4. **32000 R 1622:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1622/2000 ta' l-24 ta' Lulju 2000 li jstabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid u li jstabbilixxi kodiċi tal-Komunità ta' prattiċi u proċessi enoloġiċi (ĠU L 194, 31.7.2000, p. 1), kif emendat bi:
- **32000 R 2451:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2451/2000 tas-7 ta' Novembru 2000 (ĠU L 282, 8.11.2000, p. 7),
 - **32001 R 1609:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1609/2001 tas-6 ta' Awissu 2001 (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 9),
 - **32001 R 1655:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1655/2001 ta' l-14 ta' Awissu 2001 (ĠU L 220, 15.8.2001, p. 17),
 - **32001 R 2066:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2066/2001 tat-22 ta' Ottubru 2001 (ĠU L 278, 23.10.2001, p. 9),
 - **32003 R 1410:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1410/2003 tas-7 ta' Awissu 2003 (ĠU L 201, 8.8.2003, p. 9),

- **1 03 T:** L-Att dwar il-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakkja u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hi bbażata l-Unjoni Ewropea adottat fis-16 ta' April 2003 (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33),
- **32004 R 1427:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1427/2004 tas-9 ta' Awissu 2004 (ĠU L 263, 10.8.2004, p. 3),
- **32004 R 1428:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1428/2004 tad-9 ta' Awissu 2004 (ĠU L 263, 10.8.2004, p. 7).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

Ir-referenzi għal atti oħrajn fir-Regolament għandhom jiġu kkunsidrati rilevanti safejn u fil-forma li daww l-atti huma inkorporati fil-Ftehim.

5. **32001 R 0884:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 884/2001 ta' l-24 April 2001 li jistabbilixxi regoli dettaljati ta' l-applikazzjoni li jikkonċerna d-dokumenti li jakkumpanjaw il-ġarr ta' prodotti ta' l-inbid u r-rekords li għandhom ikunu miżmuma fis-settur ta' l-inbid (ĠU L 128, 10.5.2001, p. 32), kif emendat bi:
 - **32004 R 0908:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 908/2004 tad-29 ta' April 2004 (ĠU L 163, 30.4.2004, p. 56).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) Ir-referenzi għal atti oħrajn fir-Regolament għandhom jiġu kkunsidrati rilevanti safejn u fil-forma li daww l-atti huma inkorporati fil-Ftehim;
- (b) L-ewwel u t-tieni inċiżi ta' l-Artikolu 1(1)(b) u l-Artikolu 1(2) m'għandhomx japplikaw;
- (c) L-Artikolu 5(2) m'għandux japplika;
- (d) It-tieni sentenza tat-tielet sub-paragrafu ta' l-Artikolu 6(5) għandha tiġi ssostitwita b'dan li ġej: "Tali informazzjoni għandha titressaq skond l-Appendiċi 2 tal-Protokoll 47 tal-Ftehim.";
- (e) L-Artikoli 7(5) u 7(6) m'għandhomx japplikaw;
- (f) Fl-Artikolu 7(1)(c), l-ewwel inċiż, il-kliem " fuq kopji 1 u 2" għandhom jiġu sostitwiti bi "fuq il-kopji 1, 2 u 4";
- (g) L-Artikoli 8(2), 8(3) u 8(5) m'għandhomx japplikaw;
- (h) It-Titolu II m'għandux japplika;
- (i) L-Artikolu 19(2) m'għandux japplika.

6. **32002 R 0753**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 753/2002 tad-29 ta' April 1996 li jistabbilixxi ċerti regoli sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 rigward id-deskrizzjoni, id-denominazzjoni ta' l-oriġini, il-preżentazzjoni u l-protezzjoni ta' ċerti prodotti fis-settur ta' l-inbid (ĠU L 118, 4.5.2002, p. 1), kif ikkoreġut fil-ĠU L 272, 23.10.2003, p. 38, kif emendat bi:
- **32002 R 2086**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2086/2002 tal-25 ta' Novembru 2002 (ĠU L 321, 26.11.2002, p. 8),
 - **32003 R 1205**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 1205/2003 ta' l-4 ta' Lulju 2003 (ĠU L 168, 5.7.2003, p. 13),
 - **32004 R 0316**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 316/2004 ta' l-20 ta' Frar 2004 (ĠU L 55, 24.2.2004, p. 16),
 - **32004 R 0908**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 908/2004 tad-29 ta' April 2004 (ĠU L 163, 30.4.2004, p. 56),
 - **32004 R 1429**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1429/2004 tad-9 ta' Awissu 2004 (ĠU L 263, 10.8.2004, p. 11),
 - **32004 R 1991**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1991/2004 tad-19 ta' Novembru 2004 (ĠU L 344, 20.11.2004, p. 9).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finjiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattamenti li ġejjn:

- (a) Ir-referenzi għal atti oħrajn fir-Regolament għandhom jiġu kkunsidrati rilevanti safejn u fil-forma li dawk l-atti huma inkorporati fil-Ftehim;
- (b) Għal dak li jirrigwarda lil Liechtenstein, l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 3(2) għandha taqra: "Il-qawwa alkoħolika reali bil-volum imsemmija fit-tielet inċiż ta' l-Anness VII(A)(1) u l-Anness VIII(B)(1)(d) għar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 għandha tiġi indikata f'unitajiet, nofs unitajiet jew 0,1 unitajiet ta' perċentwal bil-volum.";
- (ċ) L-Artikolu 7(ċ) m'għandux japplika;
- (d) Fl-Artikolu 10, ir-referenzi għall-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 884/2001 m'għandhomx japplikaw;
- (e) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament m'għandhomx japplikaw għal prodotti tat-Titolu II li joriġinaw minn pajjiżi terzi;
- (f) Fl-Artikolu 16, għandu jinżied dan li ġej:
 - (i) Fl-Artikolu 16(1) (a): "þurrt" u "tørr";
 - (ii) Fl-Artikolu 16(1) (b): "hálfþurrt" u "halvtørr";
 - (iii) Fl-Artikolu 16(1) (ċ): "hálf sætt" u "halvsøt";
 - (iv) Fl-Artikolu 16(1) (d): "sætt" u "søt";

- (g) Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 19 m'għandhomx japplikaw għal prodotti li joriġinaw minn pajjiżi terzi;
- (h) L-ewwel inċiż ta' l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 28 għandu jaqra: ""Landwein" fil-każ ta' l-inbejjed tal-mejda li joriġinaw fil-Ġermanja, l-Awstrija, Liechtenstein u fil-Provinċja ta' Bolzano fl-Italja,";
- (i) Skond l-Artikolu 28(a), fil-każ ta' Liechtenstein, l-inbejjed deskritti bħala "Landwein" għandhom jużaw "Liechtensteiner Oberland" jew "Liechtensteiner Unterland" bħala indikazzjoni ġeografika tagħhom;
- (j) Fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 29 għandu jinżied il-punt li ġej:
- "(q) Liechtenstein: l-espressjoni "Appellation d'origine contrôlée", "AOC", "Kontrollierte Ursprungsbezeichnung" jew "KUB" akkumpanjata mid-denominazzjoni ta' l-orijini, u għall-inbejjed ta' kwalità b'attributi ta' kwalità addizzjonali "Auslese Liechtenstein", "Sélection Liechtenstein" jew "Grand Cru Liechtenstein" skond il-leġislazzjoni nazzjonali.";
- (k) It-Titolu V m'għandux japplika;

(1) FI-Anness II għandu jinżied dan li ġej:

"

Isem il-varjetà jew is-sinomini tiegħu	Pajjiżi li jistgħu jużaw isem il-varjetà jew wieħed mis-sinomini tiegħu
Blauburgunder	Liechtenstein
Chardonnay	Liechtenstein
Müller-Thurgau	Liechtenstein
Weissburgunder	Liechtenstein

".
,

(m) Fl-Anness III għandu jinżied dan li ġej:

"

Termini tradizzjonali	Inbejjed konċernati	Kategorija/kategoriji tal-prodott	Lingwa
LIECHTENSTEIN			
Termini tradizzjonali addizzjonali			
Ablass	Kollha	Inbid ta' kwalità prs, Inbid tal-mejda b'IG	Ġermaniż
Beerenauslese	Kollha	Inbid ta' kwalità prs	Ġermaniż
Beerle jew Beerli jew Beerliwein	Kollha	Inbid ta' kwalità prs, Inbid tal-mejda b'IG	Ġermaniż
Federweiss ^(*) jew Weissherbst	Kollha	Inbid ta' kwalità prs, Inbid tal-mejda b'IG	Ġermaniż
Eiswein	Kollha	Inbid ta' kwalità prs	Ġermaniż
Kretzer jew Süsdruck	Kollha	Inbid ta' kwalità prs, Inbid tal-mejda b'IG	Ġermaniż
Strohwein	Kollha	Inbid ta' kwalità prs	Ġermaniż
Trockenbeerenauslese	Kollha	Inbid ta' kwalità prs	Ġermaniż

(*) mingħajr preġudizzju għall-użu ta' l-espressjoni tradizzjonali Ġermaniża "Federweißer" għal most ta' l-għenba parzjalment f'fermentazzjoni intenzjonata għall-konsum dirett mill-bniedem kif previst fil-paragrafu 34c tar-Regolament dwar l-Inbid Ġermaniż u fl-Artikoli 12(1)(b) u 14(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 753/2002, kif emendat."

7. **32003 R 1793:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1793/2003 tat-13 ta' Ottubru 2003 li jiffissa l-qawwa alkoħolika naturali minima skond il-volum ta' l-inbejjed ta' kwalità psr "Vinho verde" li joriġinaw miż-żoni Portugiżi ta' l-ikkultivar ta' l-ġheneb għall-inbid Ċ I a) għas-snin ta' l-inbid 2003/2004 u 2004/2005 (ĠU L 262, 14.10.2003, p. 10).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

Ir-referenzi għal atti oħrajn fir-Regolament għandhom jiġu kkunsidrati rilevanti safejn u fil-forma ta' daww l-atti inkorporati fil-Ftehim."
